# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 24**

**Rikors numru 1011/08/1 SM**

**Anthony Joseph Galea**

**v.**

**Vassallo Builders Limited (C-20882)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur tal-attur Anthony Joseph Galea ppreżentat minnu fis-6 ta' Ottubru, 2008, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Jien għandi sitta u għoxrin sena, u naħdem bħala labourer ma' Vassallo Builders Limited. Ili naħdem hekk għal dawn l-aħħar sena u seba' xhur.
>
> 2. Fid-29 ta' Awwissu, 2007, waqt li kont qed naħdem fuq il-lant tax-xogħol, li kien qed isir il-Birgu, f'post antik lejn Sant'Anglu, jiena kont

naħdem bħas-soltu u miegħi kien hemm Carmelo Scicluna, li kien mibgħut miegħi fuq l-istess xogħol.

3. Waqt li kont qed naħdem f'daqqa waħda inqalgħet ħadida li taret hekk kif jien tfajt il-ġebel minn fuq ħalli jinżel il-materjal li kien jitwaqqa'. Il-materjal kien mal-art u konna qed inaddfu u nitfgħu għal isfel. Din il-ħadida baqgħet dieħla fuq għajnejja x-xellugija, u għamlitli ħsara u kelli niġri lejn l-isptar. Illum f'din l-għajn għandi ħsara permanenti.

4. Għal dan ix-xogħol ħadd ma tana protective clothing. Kelli biss il-kappell tal-plastik. Nuċċali la jien u l-anqas sieħbi ma kellu.

5. L-anqas skip ma tqiegħed taħt fejn konna qed narmu.

6. Jiena u sieħbi konna qed naħdmu bil-galbu kollu u kif ordnati.

7. Peress li hemm disabilita` permanenti u ż-żmien għaddej u ktibt dwar il-ħsara tiegħi, kelli nagħmel il-kawża.

**KAWŻALI**

**Peress li l-attur waqt li kien qed jaħdem fuq il-lant tax-xogħol tal-kumpanija konvenuta fil-Birgu, fid-29 ta' Awwissu, 2007, għal ħabta ta' 2.30 u 3.00 p.m., minħabba raġunijiet imputabbli lill-kumpanija konvenuta sofra danni fuq il-persuna tiegħu, u dan billi ħadida li kien hemm fuq il-post meta ntlaqtet minn ġebla telgħet u baqgħet dieħla f'għajnejh, meta ma kienx provdut lilu l-ebda nuċċali protettiv għax-xogħol u għajnejh kienu esposti;**

**Peress li l-fatt huwa attribwibbli lill-kumpanija konvenuta anke kif ħasbet li jsir ix-xogħol u dan anke billi ma sar l-ebda lqugħ għal meta kien qed jintefa' l-materjal minn sular fuq għal isfel.**

**Peress li l-kumpanija konvenuta hija responsabbli lejn l-attur għad-danni minnu sofferti konsistenti fid-disabilita` permanenti li issa għandu f'għajnejh.**

**TALBIET**

**Jintalab għalhekk bil-qima li din l-Onorabbli Qorti**

**(1) tiddikjara lill-kumpanija konvenuta responsabbli għad-danni sofferti mill-attur fl-inċident li ġara fil-Birgu fid-29 ta' Awwissu, 2007 għal ħabta tas-2.30 u 3.00 p.m. meta l-attur intlaqat minn ħadida f'għajnejh waqt li kien fuq xogħol ta' demolizzjoni jew kostruzzjoni.**

**(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bżonn permezz ta' periti li jiġu nominati.**

**(3) tikkundanna lill-kumpanija konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż kontra l-kumpanija konvenuta, inġunta għas-subizzjoni".**

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` konvenuta Vassallo Builders Limited tat-12 ta' Novembru, 2008, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. L-ewwel talba tal-attur kif dedotta kontra s-soċjeta` intimata għandha tkun miċħuda stante li l-allegat inċident de quo ma garax tort tal-istess soċjeta` intimata li min-naħa tagħha ottemperat ruħha mal-obbligu tagħha li fit-termini stabbiliti mil-liġi tħares is-saħħa u s-sigurta` tal-impjegati tagħha fosthom l-attur.

2. Isegwi għalhekk li t-tieni talba tal-attur kif dedotta kontra s-soċjeta` intimata għandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe każ, u <u>bla preġudizzju għall-premess</u>, jispetta lill-attur li jagħmel prova tad-danni inkluż il-prova li l-kondizzjoni medika preżenti u attwali tiegħu hija kollha kemm hi riżultat tal-allegat korriment tiegħu fl-allegat inċident.

3. Anke t-tielet talba għandha tiġi riġettata stante li s-soċjeta` intimata m'għandhiex tkun kundannata tħallas danni lill-attur.

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi".

3. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Ottubru, 2016, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"33.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu rigwardanti r-risponsabbilita` parzjalment kif fuq stabbilit:

"33.1. Illi ghalhekk, tistabbilixxi li r-responsabbilita` tal-incident in dizamina ghandha tkun maqsuma ugwalment bejn ir-rikorrenti Anthony Joseph Galea u s-socjeta` Vassallo Builders Limited;

"33.2. Tiddikjara li stante li r-rikorrenti naqas li jipprezenta l-provi minnu rikjesti in sostenn tat-talba tieghu rigwardanti d-danni minnu rikjesti, u dan anke wara t-trapass ta' zmien ezageratament twil mid-data li fiha

giet inizjata l-kawza, tqis li allura naqas li jipprova din it-talba tieghu ghad-danni rikjamati u ghalhekk, tirrespingi l-istess talba;

"33.3. Illi in vista tad-delikatezza tal-kaz l-ispejjez ta' din il-procedura huma a karigu tas-socjeta` intimata fuq riferita."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

10.1. Illi r-rikorrenti hu impjegat tas-socjeta` intimata;

10.2. Illi fid-29 t'Awwissu, 2007, r-rikorrenti kien assenjat xoghol f'post anitk lejn Sant' Anglu l-Birgu, flimkien ma' Carmelo Scicluna;

10.3. Illi dakinhar tal-incident ir-rikorrenti u l-kollega tieghu indikat fil-paragrafu precedenti kienu nghataw ir-responsabbilita` li jnaddfu it-terrapin pjuttost goff li kien hemm fuq is-sitt fejn kien qed isir ix-xoghol u wara jikinsu u jigbru l-hmieg, (ara foll 82);

10.4. Illi ghal dan ix-xoghol ir-rikorrenti inghata wkoll karretta u xkupa, (ara foll 82);

10.5. Illi l-materjal li r-rikorrenti kellu jnaddaf kien konsistenti f'gebel, injam u hadid;

10.6. Illi waqt li r-rikorrenti kien okkupat jaghmel dan ix-xoghol, hekk kif tefa' gebla mit-tieqa tal-fond fejn kien qieghed jahdem, inqalghet hadida li taret u baqghet diehla taht ghajnejh ix-xellugija, (ara foll 1, 16, 78 u 79);

10.7. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti ma bediex jara bid-demm li hareg u ttiehed l-isptar biex jigi medikat, (ara foll 1, 16 u 79);

10.8. Illi skont l-espert oftalmologu espressament nominat minn din il-qorti diversament preseduta biex jezamina lir-rikorrenti u jirrelata fir-rigward, minhabba fis-sitwazzjoni deskritta fil-paragrafu precedenti ir-rikorrenti sofra dizabilita` permanenti fl-ammont ta' 17%, (ara foll 53);

"Ikkunsidrat:

"11. Illi rigward id-dizabilita` riskontrata indikata fil-paragrafu precedenti din il-qorti qed tistrieh kompletament fuq l-istess relazzjoni peritali stante li m'ghandiex il-kapacitajiet necessarji li tikkonfuta l-istess;

"Ikkunsidrat:

"12.0. Illi fil-hin tal-incident in dizamina jirrizultaw ukoll is-segwenti:

12.1. Illi r-rikorrenti ma kienx liebes ilbies protettiv hlief ghall-kappel tal-plastik, (ara foll 1);

12.2. Illi l-istess rikorrenti ma kienx liebes nuccali protettiv, (ara foll 1);

12.3. Illi in effetti r-rikorrenti jsostni li s-socjeta` intimata ma tatux ilbies protettiv, ghajr ghall-boots, (ara foll 79), u kappell tal-plastik, (ara foll 1);

"Ikkunsidrat:

"13.0. Illi fir-rigward tal-ilbies protettiv, il-foreman tas-socjeta` intimata jsosstni s-segwenti:

13.1. Illi s-socjeta` intimata tat l-ilbies protettiv kollu lill-impjegati kollha taghha li jippermettilhom jahdmu dak it-tip ta' xoghol fis-sigurata`, (ara foll 83);

13.2. Illi dan is-sett t'ilbies protettiv inghatalu qabel ma r-rikorrenti kien qed jaghmel ix-xoghol fejn weggha, (ara foll 83);

13.3. Illi kien ghalhekk id-dover tar-rikorrenti li jgorr dan l-ilbies protettiv kull darba fuq ix-xoghol u juzhom qabel jibda jahdem, (ara foll 83);

13.4. Illi l-vestwarju li s-socjeta` intimata tat lir-rikorrenti biex jahdem bih bhala taghmir ghas-sigurta` tieghu fuq il-post tax-xoghol kien is-segwenti: (ara foll 83)

13.4.1. Elmu protettiv;

13.4.2. Sidrija ta' kulur isfar ghall-vizibilita`, (ara foll 103);

13.4.3. Zarbun;

13.4.4. Nuccali protettiv;

13.4.5. Ingwanti, (ara foll 103);

13.5. Illi skont ex-impjegat tas-socjeta` intimata l-vestwarju fuq indikat kien jinghata lill-haddiema kollha impjegati maghha, (ara foll 103);

13.6. Illi di piu`, jirrizulta assodat ukoll li lill-istess haddiema kienu jinghataw "*replacement*" meta jkun hemm bzonn, senjatament l-oggetti kienu jigu sostitwiti, (ara foll 103);

13.7. Illi kienet ukoll il-prattika tal-azjenda de quo illi meta l-haddiema fuq ix-xoghol jitolbu xi haga relatata mas-sigurezza il-foreman tal-istess kien ifornihom bil-bzonnijiet taghhom "... mill-ewwel, minghajr problemi ta' xejn", (ara foll 103);

"Ikkunsidrat:

"14.0. Illi fir-rigward tal-vestwarju u ekwipaggament in dizamina, l-istess foreman isosstni s-segwenti:

14.1. Illi dan kien kollu inghata lir-rikorrenti (ara foll 83), u dawn jigu debitament registrati fir-rekords tas-socjeta` intimata, (ara foll 84);

14.2. Illi r-rikorrenti qatt ma informa lis-socjeta` intimata li kien intilef xi taghmir minnha provdut lilu, (ara foll 83);

14.3. Illi di piu`, l-istess socjeta` intimata kienet gia` ssottomettiet twissjija formali u ufficjali kontra r-rikorrenti stante li ma kienx liebes is-sidrija safra u l-elmu protettiv kif dovut, (ara foll 83 u 101);

"Ikkunsidrat:

"15.0. Illi rigward in-nuccali protettiv in dizamina jinghad specifikament ukoll is-segwenti:

15.1. Illi dan in-nuccali inghata lir-rikorrenti, (ara foll 83);

15.2. Illi di piu`, nuccalijiet, goggles u ingwanti jkunu dejjem fuq il-bank tax-xoghol u jkunu l-impjegati stess li jirrikjeduhom, li jigu ghalihom, u jinghatawlhom, (ara foll 84);

15.3. Illi dakinhar tal-incident ma talabx li jinghata l-oggetti indikati fil-paragrafu precedenti, (ara foll 84);

15.4. Illi finalment, il-foreman in dizamina jsosstni li stante li x-xoghol li r-rikorrenti kien assenjat li jaghmel kien meqjus li kien tat-tip li jsibuh bhala light duty, l-istess rikorrenti ma kellux bzonn l-uzu tan-nuccali in dizamina, (ara foll 84);

"Ikkunsidrat:

"16. Illi sintetikament ir-rikorrenti jsosstni li s-socjeta` intimata hi responsabbli ghall-incident in dizamina li rizultat tieghu hu sofra d-dizabilita` permanenti fuq riferita, (ara paragrafu numru ghaxra punt tmienja, (10.8.), aktar qabel), u dan, ghaliex m'inghatax nuccali protettiv waqt li kien qieghed impenjat fuq xogholu jitfa materjal edilizju mis-sular ta' fuq ghal isfel, (ara foll 78 u 79);

"17.0. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata ssosstni sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi x-xoghol moghti lir-rikorrenti dakinhar tal-incident kien wiehed ikkunsidrat bhala light duty, (ara foll 84);

17.2. Illi hi r-responsabbilita` tar-rikorrenti li jilbes l-ilbies protettiv fuq il-lant tax-xoghol;

17.3. Illi fl-okkazzjoni in dizamina l-intimat ma adottax prattika ta' xoghol accettata f'dan il-qasam partikolari meta, biex jespleta l-inkarigu lilu moghti, beda jitfa' l-materjal minn tieqa f'sular ghal isfel fit-triq;

17.4. Illi dan ix-xoghol partikolari ta' tnehhija ta' materjal mill-fond in dizamina kellu jsir billi: "... mix-xaft jaghmlu barriers u jwaddbu t-terrapien minn fuq bix-shooters mix-xaft... wara li jaghmlu dan jergghu jimpalawh u jitfghu fi skip", (ara foll 82);

17.5. Illi pero` jirrizulta li dawn il-"collapsable tubes" biex minnhom jitfghu t-terrapin minn fuq ghal isfel m'nghatawx, (ara foll 112);

17.6. Illi minflok inghataw pala u karretta, (ara foll 112);

"18.0. Illi skont ir-risk assessment, jew ahjar, il-valutazzjoni preventiva tar-riskju involut fuq ix-xoghol in dizamina, datat it-8 ta' Mejju, 2007, (ara foll 93), jirrizulta sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi gie elenkat ix-xoghol li ried isir fuq is-sitt in dizamina;

18.2. Illi gie elenkat it-taghmir protettiv li kellu jigi uzat fuq l-istess;

18.3. Illi fost it-taghmir involut gie wkoll indikat il-bzonn ta' apparat ghall-protezzjoni tal-ghajnejn (ara foll 102);

"Ikkunsidrat:

"19. Illi jirrizulta statutorjament pacifiku li hu l-obbligu tas-socjeta` intimata li taccerta ruhha li jkollha l-mizuri kollha protettivi u preventivi biex tittutela u tipprotegi l-inkolumita` tal-impjegati taghha u ma tipperikolax is-sahha jew il-hajja taghhom fuq ix-xoghol li tassenjalhom;

"20. Illi ghalhekk hu pacifiku li l-istess socjeta` intimata hi statutorjament dovuta li tipprovdi t-taghmir adegwat u li tipprovdi dak li hu komunement maghruf bhala "*a safe system of work"* u "*a safe place of work*", senjatament sistema ta' xoghol fis-sigurta` f'post sigur tax-xoghol;

"Ikkunsidrat:

"21. Illi stante li jirrizulta assodat skont il-ligi li r-rikorrenti ma kienx liebes l-ghata protettiva ghal ghajnejh, (il-*googles*), dan il-fatt, fih innifsu, jikkristalizza l-inadempiment statutorju tas-socjeta` intimata li

timpjega lir-rikorrenti fl-obbligu imprexindibbli taghha li tassigura l-infurzar strett ta' tali mizuri ta' sigurta` kif statutorjament impost;

"22. Illi rizultat tal-istess, jirrizulta debitament ippruvat li s-socjeta` intimata naqset li tipprovdi s-sistema ta' xoghol fis-sigurta` f'post sigur tax-xoghol kif delineat, (ara paragrafu numru ghoxrin, (20.), aktar qabel);

"Ikkunsidrat:

"23. Illi jirrizulta assodat ukoll li r-rikorrenti naqas li jobdi l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-foreman tieghu fl-esekuzzjoni tax-xoghol lilu assenjat fil-gurnata li sehh l-incident, (ara paragrafu numru sbatax punt erbgha, (17.4.), aktar qabel);

"24. Illi minflok l-istess rikorrenti jirrivela li ezegwixxa x-xoghol lilu assenjat kontra l-istruzzjonijiet espressi moghtija lilu mill-foreman billi kien qed jitfa' il-materjal mit-tieqa tal-kamra fejn kien ghal isfel, (ara paragrafu numru ghaxra punt sitta, (10.6.) aktar qabel);

"25. Illi dan ix-xoghol, kif ezegwit mir-rikorrenti kontra l-istruzzjonijiet espressi lilu moghtija mill-foreman tieghu, hu wkoll ikkonfermat mill-kollega tal-istess rikorrenti li kien ukoll qieghed jahdem fis-sit de quo, (ara foll 103);

"Ikkunsidrat:

"26.0. Illi in vista tal-premess, jirrizulta assodat skont il-ligi, li r-responsabbilita` tal-incident in dizamina tistrieh kemm fuq:

26.1. Is-socjeta` intimata: li ma pprovdietx sistema ta' xoghol fis-sigurta` f'post sigur tax-xoghol, u fuq

26.2. Ir-rikorrenti: li ma obdiex l-istruzzjonijiet specifici lilu moghtija mis-superjuri tieghu biex b'hekk agixxa b'imprudenza u negligenza;

"27. Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-akkadut kif fuq dettaljatment elenkati jirrrizulta assodat li huma dawn iz-zewg (2) rizultanzi indikati fil-paragrafu precedenti li flimkien u kumulattivament taw lok ghall-event dannuz in dizamina;

"28. Illi konsegwenza tal-istess, il-htija tal-incident in ezami ghandha tigi maqsuma ugwalment bejn il-kontendenti;

"Ikkunsidrat:

"29. Illi ghall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni ir-risoluzzjoni tal-istess tippernja fuq l-artiklu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jiddetermina il-kwantum tar-risarciment li jista' jigi riskontrat;

"30.0. Illi fir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi r-rikorrenti jirrizulta li baqa' fl-impjieg tieghu mas-socjeta` intimata anke wara l-incident in dizamina, (ara foll 17 u 74);

30.2. Illi pero` id-dizabilita` li r-rikorrenti sofra rizultat tal-incident in dizamina hi wahda ta' natura kospikwa, (ara paragrafu numru ghaxra punt tmienja, (10.8.), aktar qabel u foll 53);

30.3. Illi l-implikazzjonijiet ta' tali dizabilita` hekk riskontrata jirrizultaw li huma pjuttost negattivi, senjatament:

30.3.1. Riduzzjoni serja tal-kapacita` lavorattiva tar-rikorrenti;

30.3.2. Riduzzjoni serja fl-opportunitajiet li r-rikorrenti jista' jkollu biex isib xoghol alternattiv;

30.4. Illi jigi sottolineat f'dan l-istadju li nonostante li r-rikorrenti baqa' attiv fil-kamp lavorattiv wara l-incident de quo, fih innifsu dan mhux ta' ostaklu ghall-ghoti ta' kumpens anke bhala *lucrum cessans*;

30.5. Illi kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Magro vs. Busuttil, datata d-9 ta' Dicembru, 1982:

> "... il-fatt hu li wara l-incident, l-attur gie prekluz jaghmel xoghol li kien ikun jista' jaghmel kieku ma korriex, u ghal dan it-telf hu ghandu jigi kkumpensat";

30.6. Illi f'cirkostanzi bhal dawk in dizamina, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha fl-ismijiet Gatt vs. Carbone nomine datata s-7 ta' Lulju, 1998, xorta wahda ddekretat kumpens lis-sinistrat nonostante il-fatt li dan baqa' fl-istess impjieg tieghu, u addirittura anke zdied fis-salarju tieghu, (ara wkoll Zerafa vs. Sacco deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata l-1 t'Ottubru, 2003, u Josef Farugia vs. Thomas Tanti, datata s-7 ta' Lulju, 2004, tal-istess qorti;

"Ikkunsidrat:

"31. Illi nonostante s-suespost, ir-rikorrenti inkredibilment jonqos milli jipprezenta provi rigwardanti d-dhul ekonomiku tieghu, u b'hekk dan ma jippermettix lil din il-qorti tanalizza t-talba tar-rikorrenti ghad-danni li seta' sofra rizultat tal-incident de quo u tiddeciedi fir-rigward;

"32. Illi konsegwentement tqis li r-rikorrenti naqas li jipprova t-talba tieghu fir-rigward; "

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Joseph Galea li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi

tikkonfermaha dwar il-kap tal-ispejjeż, tħassar id-digriet tal-21 ta' Jannar, 2016, tibdilha dwar ir-responsabbilta` billi takkolla l-istess kompletament lis-soċjeta` konvenuta u tillikwida d-danni sofferti mill-appellant u tikkundanna lill-kumpanija appellata għall-ħlas tad-danni likwidati, bl-imgħax u bl-ispejjeż.

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjeta` konvenuta Vassallo Builders Limited, li permezz tagħha wieġbet għala fil-fehma tagħha l-appell tal-attur appellant għandu jiġi miċħud.

7. Rat li s-soċjeta` konvenuta pprevaliet ruħha mill-appell prinċipali sabiex *ai termini* tal-Artikolu 240(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ressqet l-appell inċidentali tagħha. Hija talbet lil din il-Qorti tilqa' l-appell inċidentali tagħha u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata tal-4 ta' Ottubru, 2016 mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi, fejn minflok issibha responsabbli fil-grad ta' 50% għall-inċident li seħħ fid-29 ta' Awwissu, 2007, tilqa' l-eċċezzjonijiet minnha mressqa, filwaqt li tiċħad it-talbiet kollha tal-attur u tiddikjarah unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu a karigu tal-attur Anthony Joseph Galea.

8. Rat li minkejja li l-attur kien notifikat bl-appell inċidentali, ma ressaq l-ebda risposta għalih.

9. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell rispettiv tagħhom.

10. Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat:

11. Illi din il-kawża titratta azzjoni għad-danni, konsegwenti inċident fuq il-lant tax-xogħol li fih korra l-attur li jaħdem bħala *labourer* mas-soċjeta` konvenuta. L-inċident seħħ fid-29 ta' Awwissu, 2007, meta l-attur weġġa' għajnu x-xellugija, filwaqt li kien qiegħed jaħdem f'post antik fil-Birgu, jitfa' l-materjal minn fuq għal isfel, taret biċċa ħadida f'għajnu, bil-konsegwenza li kien jeħtieġ li jiddaħħal l-isptar għall-intervent meħtieġ. Dan l-inċident ħalla lill-istess attur b'diżabilita` permanenti, tant li tilef il-vista mill-għajn in kwistjoni, li minnha jara biss ċpar u d-dell tal-figuri. L-attur iqis lis-soċjeta` konvenuta responsabbli għall-akkadut, peress li ma pprovditx it-tagħmir protettiv meħtieġ fuq il-lant tax-xogħol li kien qiegħed jaħdem fih l-attur. Kwindi talab li s-soċjeta` konvenuta (1) tiġi dikjarata responsabbli għad-danni sofferti minnu fl-inċident li seħħ nhar id-29 ta' Awwissu 2007 meta ntlaqat minn ħadida f'għajnu waqt xogħol ta' kostruzzjoni; (2) li jiġu likwidati d-danni sofferti minnu u (3) li s-soċjeta` konvenuta tkun ikkundannata tħallas id-danni hekk likwidati mill-Qorti.

12. Is-soċjeta` konvenuta ċaħdet ir-responsabbilta` għall-inċident in kwistjoni, stante li tikkontendi hija ottemprat ruħha mal-obbligi imposti fuqha mil-liġi sabiex tħares is-saħħa u s-sigurta` tal-impjegati tagħha u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda. Fi kwalunkwe kaz, jispetta lill-attur jagħmel il-prova tad-danni u li s-soċjeta` konvenuta m'għandhiex tkun ikkundannata tħallas danni lill-attur.

13. Filwaqt li l-ewwel Qorti sabet li l-kontendenti fil-kawża kienu ugwalment responsabbli għall-inċident imġarrab mill-attur, iżda ċaħdet it-talbiet tal-attur, stante li ma rritenitx li huwa pprova d-danni, għalhekk irrespingiet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kontra s-soċjeta` konvenuta fid-dawl tad-delikatezza tal-każ.

14. L-attur ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha u dan għas-segwenti raġunijiet: (i) appella mid-digriet tal-21 ta' Jannar, 2016, li bih l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tiegħu li jesebixxi l-FS3s għas-snin relevanti u d-deċiżjoni fis-sentenza tal-4 ta' Ottubru, 2016, li ma ġewx ippruvati d-danni; (ii) appella mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilta` għall-akkadut, peress li jikkontendi li l-ewwel Qorti ma kellhiex taddebitalu ħtija kontributorja ta' 50%; (iii) l-attur appellant jisħaq li l-ewwel Qorti kellha tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-

danni u (iv) l-attur appellant jesebixxi kopji tal-FS3s mogħtija lilu mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

15. Is-soċjeta` konvenuta appellata, permezz tar-risposta tagħha filwaqt li rribattiet l-aggravji kollha tal-attur appellant, ressqet appell inċidentali li huwa limitat għas-sejbien ta' responsabbilta` tagħha fil-grad ta' 50% għall-inċident in kwistjoni, peress li tisħaq li l-attur appellant għandu jiġi dikjarat unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fid-29 ta' Awwissu, 2007.

16. Illi fl-ewwel aggravju tiegħu, l-attur appellant appella mid-digriet li ngħata mill-ewwel Qorti fil-21 ta' Jannar, 2015, fejn l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tiegħu li jesebixxi l-FS3s relattivi għas-snin relevanti. Apparti li l-appellant fir-rikors tal-appell jikkonċedi li kien hemm *lapsus* da parti tiegħu, jilmenta mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, peress li jikkontendi li dawk id-dokumenti għall-finijiet tal-ġustizzja kienu ammissibbli u messhom tħallew jiġu esebiti. L-appellant jattakka wkoll is-sentenza tal-4 ta' Ottubru, 2016, in kwantu ddikjarat li huwa ma ppruvax id-danni, peress li fin-nuqqas li jiġu esebiti d-dokumenti relattivi għall-qligħ tiegħu, jikkontendi li l-ewwel Qorti xorta setgħet tillikwida d-danni bbażati fuq il-paga minima, hekk kif provdut statutorjament skont il-liġi.

17. F'dan l-istadju ser tiġi trattata biss dik il-parti tal-ewwel aggravju fejn isir appell mid-digriet tal-21 ta' Jannar, 2015, in kwantu dik il-parti tal-ewwel aggravju li titratta l-likwidazzjoni tad-danni ser tiġi trattata aktar 'il quddiem taħt it-tielet aggravju. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel parti tal-aggravju in eżami, peress li minn ħarsa lejn il-proċess jirriżulta li l-attur appellant ma tantx ressaq provi u kaxkar saqajh tul il-proċeduri, tant hu hekk li minkejja li l-ewwel Qorti ffissat żewġ seduti bl-iskop li jitressqu l-provi tiegħu, (ara verbal a fol. 38) dan xorta ma ottemprax ruħu mal-ordni tal-Qorti. Fil-fatt, fit-8 ta' Marzu, 2011, l-ewwel Qorti ddikjarat il-provi tal-attur magħluqa (ara fol. 42). Minkejja dan, mill-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu, 2014, quddiem l-ewwel Qorti, il-kawża baqgħet differita għall-provi tal-partijiet (ara fol. 71). Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014, id-difensur tal-attur iddikjara li m'għandux aktar provi x'jipproduċi (fol. 76). Iżda fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2015, tressaq sabiex jixhed mill-ġdid l-attur u għal darb'oħra ġie dikjarat li m'għandux aktar provi x'jipproduċi! (fol. 77). Wara li fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2015, sar il-kontro-eżami tax-xhieda hemm indikati, għal darb'oħra ġie dikjarat li m'hemmx provi aktar x'jipproduċi. Konsidrat dan kollu, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-digriet tal-ewwel Qorti, issa appellat, meta qabel ċaħdet it-talba tiegħu, irrilevat li l-kawża kienet ilha li nbdiet mis-6 ta' Ottubru, 2008, kwindi l-attur kellu biżżejjed żmien sabiex jippreżenta l-provi kollha li xtaq u li jinsab marbut bid-dikjarazzjoni tiegħu tad-29 ta' Ottubru, 2015. L-ewwel Qorti kienet altru milli ġustifikata meta

ħadet din il-pożizzjoni. Il-kritika tal-appellant fil-konfront tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward hija barra minn postha. Kif huwa ben magħruf, il-kawża hija tal-partijiet u l-attur appellant m'għandu jwaħħal f'ħadd ħlief fih innifsu f'dan ir-rigward. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li parti f'kawża tkun tista' tiġi awtorizzata terġa' tiftaħ l-istadju tal-provi u l-attur appellant, f'dan il-każ, ma ressaq ebda prova ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li kienu jimmeritaw tali miżura. Għalhekk din il-parti tal-ewwel aggravju ser tiġi miċħuda.

18. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-attur appellant fl-appell prinċipali li ser jiġi trattat flimkien mal-aggravju waħdieni fl-appell inċidentali tas-soċjeta` konvenuta fejn il-partjiet jikkontestaw is-sentenza tal-ewwel Qorti meta qasmet ir-responsabbilta` f'ħamsin fil-mija għal kull naħa. L-attur appellant prinċipalment jisħaq li huwa l-obbligu ta' min iħaddem li jassikura l-ħin kollu s-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiema, u li jiġu osservati r-regolamenti. Mhux biżżejjed li jingħad li l-ħaddiema jkollhom l-ilbies protettiv aċċessibbli u li ngħata lilhom, iżda min ikun qiegħed jidderieġi x-xogħol irid jara li kull ħaddiem huwa attrezzat sew, u li jkun sar *risk assessment* għax-xogħol partikolari. L-attur appellant jagħmel distinzjoni bejn ħaddiem li jirrifjuta li jilbes in-nuċċali protettiv u meta ma jittiħidx in-nuċċali fuq il-lant tax-xogħol, peress li ma jkunx meqjus meħtieġ minn min iħaddem. Jirreferi għax-xhieda tal-*foreman* fejn jingħad li ma kienx mistenni mill-attur li jilbes nuċċali, peress li n-natura tax-xogħol tal-attur kienet meqjusa bħala *light duty.* Jilmenta wkoll li ma

ġewx provduti l-*collapsible tubes* sabiex jintefa' t-terrapien minn fuq għal isfel, iżda ngħata biss pala u karretta, meta l-kumpanija kellha parir (u mhux il-lavrant) dwar dak ix-xogħol. Kwindi jinsisti li r-responsabbilta` tas-soċjeta` konvenuta kienet totali.

19. Fl-appell inċidentali tagħha s-soċjeta` konvenuta, tillimita l-appell għas-sejbien ta' responsabbilta` tagħha fil-grad ta' 50% għall-inċident in kwistjoni, li fil-fehma tagħha hija konklużjoni fattwalment u legalment skorretta. Fil-fehma tagħha, il-provi proċesswali kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti li ssib lill-attur unikament responsabbli għall-inċident. Hija tagħmel referenza għall-fatt li l-ewwel Qorti kellha x-xhieda ta' tliet persuni: l-attur min-naħa u kollega tal-attur u s-superjur tiegħu min-naħa l-oħra. Dawn iż-żewġ xhieda kkonfermaw li r-rikorrent kien ġie provdut bl-ilbies protettiv kollu u li l-attur wettaq ix-xogħol assenjat lilu b'mod differenti minn kif fil-fatt għamel, kwindi mar kontra l-istruzzjonijiet speċifiċi mogħtija lilu mis-superjuri tiegħu. Kwindi s-soċjeta` konvenuta appellanti inċidentalment toġġezzjona għal dak li ngħad mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li kien hemm inadempiment statutorju da parti tagħha li tipprovdi sistema ta' xogħol li toffri sigurta` lill-ħaddiema tagħha. Tisħaq li hawn ma ninsabux fil-kamp ta' *strict liability,* kwindi l-prova tan-ness trid issir mill-attur. Inoltre, minkejja l-prinċipju li jitfa' fuq min iħaddem *a high standard of care,* jeħtieġ li jirriżulta ksur tal-obbligu ta' min iħaddem li jipprovdi *a safe system of work.* Min-naħa l-oħra, il-liġi tipprovdi wkoll li

l-ħaddiem għandu l-obbligu li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta` tiegħu nnifsu. Is-soċjeta` appellanti inċidentalment tagħmel referenza għall-ġurisprudenza li żviluppat fis-sens li l-ħaddiem għandu l-obbligu li jkun konxju tal-perikli li jista' jiffaċċja fuq il-post tax-xogħol u m'għandux jagħmel manuvri azzardati li jżidu r-riskji tal-ħsara. Kwindi lil hinn mill-provi konfliġġenti dwar jekk l-attur ġiex provdut b'nuċċali protettiv, il-punt kruċjali fil-fehma tas-soċjeta` konvenuta appellanti inċidentalment, huwa li l-attur m'obdiex l-istruzzjonijiet tas-superjuri tiegħu, anzi għamel dak li kien speċifikatament ipprojbit lilu. Inoltre, hija tikkontendi li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta tgħid li l-*collapsible tubes* sabiex minnhom jintefa' t-terrapien minn fuq għal isfel ma ngħatawx – peress li hija kienet ipprovdiethom, iżda kienu ppożizzjonati fix-xaft intern fejn kellu jsir ix-xogħol. Tagħmel referenza għall-ġurisprudenza estensiva fis-sens li meta mpjegat ikun traskurat jew imur kontra dak li jintalab li jagħmel, tista' xxejjen ir-responsabbilta` tad-datur tax-xogħol, kif ukoll ġurisprudenza oħra fis-sens li n-nuqqas tal-preżenza fiżika fuq il-post tas-superjur, bl-ebda mod ma tiskolpa lill-ħaddiem mir-responsabbilta`. Għalhekk fil-fehma tagħha l-attur f'dan il-każ kellu jiġi dikjarat unikament responsabbli għall-inċident li seħħ.

20. Jibda billi jiġi osservat li, kemm it-tieni aggravju tal-attur appellant prinċipalment, kif ukoll l-appell inċidentali tas-soċjeta` konvenuta jolqtu l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti. Meta jitqajjem

aggravju li jolqot l-apprezzament tal-provi li jkun sar minn Qorti tal-ewwel grad, għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli dik il-valutazzjoni, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti, ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżercizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. Kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Diċembru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet **Nazzareno Cardona et v. Massimo Zahra et**:

> *"… din il-Qorti tagħraf li bħala regola m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi jew ta' min imissu jitwemmen. F'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi fattwali li jsir mill-ewwel Qorti ma jkunx fid-dieher wieħed irraġonevoli, din il-Qorti ma tindaħalx biex tgħid x'kienet taħseb hi jew jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kinitx tagħmlu bħalha[1]. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li "Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda*

[1] *App. Ċiv. 26.1.2018 fil-kawża fl-ismijiet Josephine Aġius vs Piju Theuma.*

> *tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti"*[2].

Għalhekk din il-Qorti hija obbligata li tixtarr mill-ġdid il-provi in atti.

21. Iżda l-ewwel din il-Qorti ser tagħti rassenja tal-prinċipji relevanti għat-tema in eżami. L-azzjoni attriċi hija waħda ta' danni, imsejsa fuq il-prinċipju ta' *culpa akwiljana* fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta. Din il-materja tinsab trattata fit-titolu "**Fuq id-delitti u l-Kważi-Delitti**" fl-Artikoli 1029 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), fejn is-sens ewlieni hu li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu (Artikolu 1031) meta jirriżulta li fl-għemil tiegħu ma użax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032), jew li jkun għamel jew naqas li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi (Artikolu 1033). F'dan l-aħħar każ, jingħad ukoll li d-danneġġjant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover li:

> "*quando si parla di colpa per omissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l'aforisma 'qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non facit*"
> (**Giorgi - Obbligazioni** Vol V pag 151).

22. Fejn jidħlu inċidenti fuq il-post tax-xogħol, meta persuna tkorri waqt li tkun qiegħda twettaq il-qadi ta' dmirijietha, il-prova tar-responsabbilta` ta' dak li ġara xorta taqa' fuq min ikun weġġa' (l-attur). Il-fatt waħdu li

[2] App. Ċiv. 14.12.2018 fil-kawża fl-ismijiet *Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et.*

persuna tkorri fuq il-post tax-xogħol, ma jfissirx li min iħaddem għandu bilfors iġorr ir-responsabbilta` għal dak li ġara, jew li l-persuna li korriet teħles mill-ħtieġa li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta, li f'dan il-kamp m'għandux jiġi adoperat il-kunċett ta' *strict liability.* (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' April, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Felix Xerri v. Beechwood Limited**.) Dana peress li, il-prinċipju jibqa' li min jallega jrid jipprova. Dak li jrid jipprova l-attur appellant, huwa n-ness li dak li seħħ, kien konsegwenza ta' xi aġir jew xi nuqqas ta' min iħaddem u li dak li ġara ma jkunx konsegwenza ta' aġir jew nuqqas tiegħu stess.

23. Tajjeb tiġi enfasizzata r-regola ġenerali f'dan il-qasam li, min iħaddem irid jipprovdi a *safe system of work.* (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et**). Hemm grad għoli ta' responsabbilta` fuq min iħaddem, tant li da parti tiegħu għandu jipprova li l-inċident kien iseħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Fil-verita`, fil-qasam tas-saħħa u s-sigurta` fuq il-post tax-xogħol, tapplika wkoll liġi speċjali li tirregola d-dmirijiet u l-obbligi kemm ta' min iħaddem, kif ukoll tal-ħaddiem (Att dwar l-Awtorita` għas-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol – Kap. 424). Fost id-dmirijiet li l-liġi titfa' fuq min iħaddem insibu l-piż li jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji, kif ukoll li jittieħdu l-miżuri

meħtieġa li jitnaqqsu dawk ir-riskji (Artikolu 6(2) tal-Kap. 424), kif ukoll id-dmir tal-għoti tat-tagħrif, tagħlim u taħriġ meħtieġ, kif ukoll superviżjoni sabiex titħares is-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiem (Artikolu 6(3) tal-Kap. 424).

24. Min-naħa l-oħra, il-grad gholi ta' responsabbilta` ta' min iħaddem, ma jeħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta` tieghu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Artikolu 7(1) tal-Kap. 424) jew milli jikkopera ma' min iħaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7(2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll, jitqies li ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u li joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. Huwa ritenut li ħaddiem li jonqos milli joqgħod għall-istruzzjonijiet li jkun tah, jew għall-prekawzjonijiet li jkun fetaħlu għajnejh għalihom min iħaddem, għandu jbati l-konsegwenzi li jġarrab. Hekk ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Peter Ronald v. Polibon Construction Limited:**

> ***"Huwa minnu li d-datur tax-xoghol ghandu obbligu li jhares l-inkolumita` tal-impjegati tieghu u dana billi jipprovdi dak li jissejjah 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Ghandu wkoll jaccerta ruhu li l-impjegati tieghu jkunu mharrga sew dwar ix-xoghol li jkunu mistennija li jaghmlu. Pero` daqstant ghandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess taghhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew moghtija lilhom mill-employer u inoltre jagixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumita` taghhom.***
>
> *…*

*L-attenzjoni mehtiega mis-socjeta` konvenuta hija dik ta' bonus pater familias u mhux fi grad oghla, u la darba jirrizulta li kien hemm sorveljanza kontinwa u li kienet inghatat l-ordni specifika biex ma jigux ezegwiti dawk ix-xoghlijiet li eventwalment wasslu ghall-incident, l-istess socjeta` konvenuta issodisfat dan l-obbligu taghha u konsegwentement ma tistax tinsab responsabbli ghall-akkadut billi l-attur iddizobbedixxa ordni espressa tad-datur tax-xoghol tieghu."*

25. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, għalkemm huwa minnu li l-provi mressqa mill-attur huma skarsi, mill-provi in atti jirriżulta li, tabilħaqq is-soċjeta` konvenuta kienet tipprovdi lill-ħaddiema tagħha bit-tagħmir protettiv meħtieġ, hekk kif jiġu mpjegati magħha u mbagħad huma l-ħaddiema li jridu jieħdu ħsieb li jġorru l-istess tagħmir protettiv minn post għall-ieħor. (Ara x-xhieda ta' Gordon Micallef, superjur tal-attur, a fol. 83 u ta' Dorian Camilleri li kien ukoll impjegat mas-soċjeta` konvenuta fl-istess żmien li korra l-attur – ara fol. 103). Inoltre, jekk jintilef jew jitqatta' xi ħaġa mill-istess tagħmir, l-impjegat kien ikollu jinforma lil min hu responsabbli sabiex jiġi rimpjazzat. Iżda, fil-verita` jirriżulta wkoll li, is-superjur tal-attur xehed li dakinkhar tal-inċident, fil-fehma tiegħu l-attur ma kellux bżonn nuċċali fil-ħin tal-inċident, peress li kien qiegħed iwettaq *light duty.* Kwindi minkejja li s-soċjeta` kovnenuta wettqet l-obbligu legali tagħha li tipprovdi lill-ħaddiem bit-tagħmir protettiv u li twettaq *risk assessment,* mid-dokument esebit minnha stess (ara fol. 95) jirriżulta li hija ngħatat il-parir li kien hemm riskju għoli li jseħħ inċident relatat mat-tagħmir protettiv, b'mod partikolari fir-rigward tal-għajnejn, fejn jingħad:

*" 1. Although there are mandatory safety signs that entail wear of PPE on the site of works,* ***there is a lack of safety consideration, including the use of PPE.***

> *2.* ***Eye protection is absent*** *to prevent eyes from dust, with the result that may be burned with lime dust. Lime dust is cacogenic material and may create unnecessary but serious burns to the eyes. An injury of this type is likely to take more than two weeks to heal with possible eye-sight impairment."*
> (enfasi ta' din il-Qorti)

26. Dan ir-*risk assessment* sar minn George Mangion, *Health and Safety Supervisor* fi ħdan l-istess soċjeta` konvenuta, fil-11 ta' Mejju, 2007, jiġifieri ftit aktar minn xahrejn qabel ma seħħ l-inċident in kwistjoni. Minkejja li jingħad mis-soċjeta` konvenuta li dan ir-*risk assessment* sar għas-sub-appaltaturi tagħha, huwa ritenut li konsidrat li dan ir-*risk assessment* sar b'rabta max-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fl-istess binja fejn kienu qegħdin iwettqu x-xogħlijiet l-impjegati tas-soċjeta` konvenuta, dak li jgħodd għas-sub-appaltaturi mil-lat ta' saħħa u sigurta`, kellu jgħodd għall-impjegati tagħha wkoll. Kwindi meta l-attur ingħata l-istruzzjonijiet li jnaddaf kamra li kienet fl-ewwel sular mit-terrapien billi jiknes, jiġbor il-ħmieġ u jitfgħu għal isfel, konsidrata n-natura tax-xogħol fejn ikun hemm ħafna trab itir, altru milli kien f'postu li l-ħaddiema jilbsu n-nuċċali protettiv. Il-problema tidher li f'dan il-każ lanqas is-superjur tal-attur ma kien ħass il-ħtieġa li l-ħaddiem jilbes it-tagħmir protettiv għall-għajnejn, wisq inqas ġibed l-attenzjoni tal-attur għal dan in-nuqqas!

27. Huwa minnu wkoll li jirriżulta li dakinhar tal-inċident filgħodu kmieni, l-attur ingħata struzzjoni speċifika mis-superjur tiegħu li ma jwaddabx il-materjal mit-twieqi dojoq li kienu fil-faċċata tal-bini fejn kienu qegħdin

jaħdmu, u li kellhom jitfgħu t-terrapien mix-“*shooters”* fix-xaft, iżda mix-xhieda ta’ Dorian Camilleri in kontro-eżami, jirriżulta li ma kellhomx dawn il-“*collapsable tubes”* li effettivament jipprevjenu milli jtiru t-trabijiet. Dan huwa nuqqas ieħor da parti tas-soċjeta` konvenuta li tipprovdi l-għodda meħtieġa sabiex jitwettaq ix-xogħol. Inoltre, għalkemm jingħad minn Gordon Micallef li kien fuq dan il-lant tax-xogħol l-ewwel ħaġa filgħodu, u li kien spiss jagħmel ir-rondi u jiġbed l-attenzjoni fejn ikun meħtieġ, dakinhar huwa dam hemm xi siegħa, imbagħad huwa kien imur idur jara x-xogħol ta’ sub-appaltaturi oħra, mentri l-inċident skont l-attur seħħ wara nofsinhar, kwindi jirriżulta li kien hemm nuqqas ta’ superviżjoni effettiva għal ħin konsiderevolment twil, superviżjoni li tassigura li l-ħaddiema, f’dan il-każ l-attur, kien qiegħed effettivament iwettaq ix-xogħol skont l-istruzzjonijiet mogħtija lilu. Il-ħtieġa ta’ superviżjoni kienet meħtieġa mhux biss bħala obbligu statutorju, iżda mir-*risk assessment* in-nuqqas tal-ħaddiema li jużaw it-tagħmir protettiv kien proprju ndikativ tal-ħtieġa ta’ superviżjoni aktar effettiva, sabiex il-ħaddiema jilbsu t-tagħmir meħtieġ ħalli jipprevjenu inċidenti bħal dak in eżami. Kwindi fil-fehma ta’ din il-Qorti jirriżulta n-ness bejn in-nuqqas tas-soċjeta` konvenuta li twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi u l-inċident in kwistjoni.

28. Min-naħa l-oħra kif appena aċċennat, l-attur ma segwiex l-istruzzjonijiet mogħtija lilu li ma jitfax terrapien mit-twieqi tan-naħa tal-faċċata peress li kienu dojoq (ara ritratti a fol. 85, 99 u 100 tal-proċess).

Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa aktar verosimili li d-dinamika tal-inċident seħħ hekk kif jingħad minn Gordon Micallef, fis-sens li hekk kif l-attur kien qiegħed jitfa' t-terrapien, kien hemm biċċa virga li ħabtet maċ-ċaċċis u ġiet għal għajn l-attur (proprju peress li t-twieqi kienu dojoq), milli kif jingħad mill-attur li meta tefa' ġebla mit-tieqa, telgħet ħadida u weġġgħetu taħt għajnu x-xellugija. Inoltre, kellu jkun pjuttost ovvju għall-attur li meta wieħed jimpala trab barra tieqa dejqa hemm ċans kbir li xi affarijiet jinbeżqu lura. Kwindi l-aġir tal-attur kien fih innifsu negliġenti. Għalhekk, hawn ukoll, din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-fatt li l-attur m'obdiex l-istruzzjonijiet li ngħata mis-superjur tiegħu, iwassal għall-konklużjoni li l-aġir tiegħu stess kellu effett kontributorju għall-inċident li seħħ.

29. Fejn il-parti danneġġata tkun hija stess li kkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza jew ta' ħsieb, jew kellha sehem għal dik il-ħsara li hija ġarrbet, il-Qorti hija mogħtija diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat lok għal dik il-ħsara li hija batiet. Dan iġib miegħu tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun dovut lill-impjegat li huwa stess ikun ikkontribwixxa għal dak li gralu. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-28 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Maurice Fenech et pro et noe v. Jacksons Company Limited et:**

> *"Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Sammut v. Clamus Holding Limited (27 ta' Settembru 2012 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-principju fl-2016) ezaminat din il-kwistjoni fil-fond u ghamlet dawn l-osservazzjonijiet eruditi li din il-Qorti taqbel maghhom pjenament; ...*

*…fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il- ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;*

*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ- ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba.* ***Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu... jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria;"***

...

*F'sitwazzjoni bhal din jinstab stabbilit illi fejn tirrizulta htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi hi skond ic-cirkostanzi tal-kaz il-proporzjon tar-responsabilita`. U fejn din ma tistax tigi maqsuma b'certezza ghandha tigi diviza ugwalment." (Ara Kollezz Vol XLVIII p I p 59). (Fenech v. Montebello, Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2003)."* (enfasi ta' din il-Qorti).

30. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, fil-fehma ta' din il-Qorti għamlet sew l-ewwel Qorti meta ddeċidiet li r-responsabbilita` għall-inċident in kwistjoni għandha tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti fil-kawża u għal dawn ir-raġunijiet ma tqisx li la t-tieni aggravju tal-attur appellant u lanqas l-appell inċidentali tas-soċjeta` konvenuta ma

jimmeritaw li jintlaqgħu u ma tara li teżisti l-ebda raġuni valida sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament eżerċitat mill-ewwel Qorti fir-rigward tar-responsabbilta` għall-inċident in eżami.

31. Jonqos li jiġu trattati l-aħħar żewġ aggravji tal-attur appellant, dak dwar il-likwidazzjoni tad-danni u d-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell relattivi għal-likwidazzjoni tad-danni, li ser jiġu trattati f'daqqa peress li huma sewwa sew marbuta ma' xulxin u li huma marbuta wkoll mat-tieni parti tal-ewwel aggravju fejn l-attur appellant jilmenta mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li l-attur ma ppruvax id-danni.

32. Jibda billi jiġi trattat il-fatt li l-attur appellant esebixxa kopji tal-FS3s flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu. Tajjeb li jiġi mfakkar li, din il-materja hija regolata permezz tal-Artikolu 145 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi:

> *"145. Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu saħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor".*

Fir-rigward ta' dan il-provvediment tal-liġi, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tagħha tal-24 ta' Ġunju, 2011, fil-kawża fl-ismijiet **Josef Farrugia et v. Christopher Carabott et,** li ttrattat proprju l-imsemmi artikolu, meta ngħad:

> *"7. Dan l-artikolu jidher illi qieghed jaghti dritt inkondizzjonat lill-partijiet illi jipprezentaw kull dokument li jsahhah it-talbiet jew l-eccezzjonijiet,*

> *skond il-kaz, minghajr restrizzjoni. Madankollu, din il-qorti hija tal-fehma illi din id-dispozizzjoni tal-ligi ghandha tinqara u tiftehem fil-kuntest ta' dik li hija proprjament il-funzjoni ta' qorti ta' revizjoni, fis-sens illi din il-qorti ma ghandhiex, bhala regola, tqis provi illi ma ngibux quddiem qorti tal-ewwel grad ghax jekk taghmel hekk tkun qieghda ccahhad lill-partijiet mill-beneficcju tal-ezami doppju. Jinghad "bhala regola" ghax jista' jkun hemm cirkostanzi eccezzjonali fejn l-interessi tal-gustizzja jitolbu li ssir eccezzjoni ghar-regola, bhal meta d-dokumenti setghu jingiebu biss f'dan l-istadju jew ir-relevanza taghhom fegget biss fid-dawl ta' dak li jinghad fis-sentenza appellata."*

Filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament, meta tapplika dawn il-prinċipji għall-każ odjern, tqis li d-dokumenti in kwistjoni annessi mar-rikors tal-appell, ċertament kienu disponibbli għall-attur waqt is-smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti, kwindi setgħu faċilment jiġu prodotti fl-ewwel istanza u kif ingħad f'paragrafu 17 fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar l-ewwel aggravju, ma jirriżultaw ebda ċirkostanzi eċċezzjonali. Isegwi li din il-Qorti ma tarax li dawn id-dokumenti jimmeritaw konsiderazzjoni ulterjuri in kwantu m'għandhom l-ebda valur probatorju. Fil-fatt illum-il ġurnata, l-imsemmi Artikolu 145 ġie emendat fis-sens li ma jistgħu jinġiebu l-ebda dokumenti ġodda flimkien mar-rikors, mar-risposta jew mar-replika, ħlief bl-awtorizzazzjoni tal-qorti.

33. Madankollu, fin-nuqqas tal-attur appellant li jressaq prova dwar il-qligħ tiegħu, din il-Qorti taqbel mal-aħħar parti tal-ewwel aggravju u t-tielet aggravju tiegħu, li minkejja li l-attur ma ressaqx prova dwar id-dħul tiegħu, dan ma jfissirx li l-attur ma ġarrab l-ebda danni. Fin-nuqqas tal-attur li jressaq prova sodisfaċenti dwar id-dħul tiegħu fiż-żmien li seħħ l-inċident, l-ewwel Qorti dejjem setgħet tapplika l-paga minima nazzjonali għall-fini

tal-komputazzjoni tad-danni, kif wara kollox ingħad mill-attur, fis-sottomissjonijiet tiegħu quddiem l-ewwel Qorti. Iżda min-naħa l-oħra, din il-Qorti ssib li għall-fini tal-likwidazzjoni, għandha raġun is-soċjeta` konvenuta appellata li għandu jittieħed qies tal-paga minima nazzjonali applikabbli fis-sena tal-inċident, ċioe` tal-2007 u mhux dik applikabbli fis-sena 2016, kif suġġerit mill-attur fis-sottomissjonijiet tiegħu. Magħmula din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillikwida d-danni riżultanti.

34. Għall-iskop li tinħadem il-likwidazzjoni tad-danni għat-telf ta' qligħ futur, jirrizulta li l-paga minima nazzjonali fl-2007, kienet ta' €7,222.80 fis-sena. Din il-Qorti sejra tadotta l-figura ta' €8,000 bhala l-paga tal-attur biex tiehu kont tal-inflazzjoni u taz-zidiet fil-paga minima tul is-snin. Peress li dakinhar tal-inċident l-attur kellu ħamsa u għoxrin (25) sena u konsidrat il-qbil bejn il-kontendenti fil-kawża riflessa fis-sottomissjonijet rispettivi tagħhom quddiem l-ewwel Qorti, ser jiġi adottat *multiplier* ta' tletin (30) sena, in kwantu jitqies li huwa wieħed xieraq li jieħu kont tal-element ta' *chances and changes in life* għall-fini ta' kalkoli simili. In kwantu għad-diżabilita` permanenti riskontrata minn Dr. Dennis Mallia, maħtur bħala perit mediku mill-ewwel Qorti, din ġiet stabbilita bħala waħda ta' 17%. Mentri konsidrat it-trapass taż-żmien ta' tlettax-il sena minn meta nfetħet il-kawża, ma jitqisx xieraq li jsir tnaqqis bħala *lump sum reduction.*

35. Għalhekk l-ammont dovut lill-attur bħala danni tan-natura *lucrum cessans* għandu jinħadem hekk: €8,000 x 30 sena x 17% diżabilita` = €40,800. Peress li kif ingħad qabel, l-attur jitqies li għandu jġorr nofs ir-responsabbilta` għall-inċident in kwistjoni, din is-somma ghandha titnaqqas bin-nofs, u ċioe`, €40,800 x 50% = €20,400. Ma jirriżultax li l-attur kien qiegħed jitlob li jiġi kkumpensat xi somma flus bħala *damnum emergens.*

**Deċide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn spjegati, filwaqt li tiddisponi mill-appell inċidentali tas-soċjeta` konvenuta billi tiċħad l-istess, tiddisponi mill-appell prinċipali tal-attur appellant, billi tilqgħu parzjalment u għalhekk tirriforma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Ottubru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, sabiex filwaqt li tikkonfermaha sa fejn sabet li l-kontendenti fil-kawża huma ugwalment responsabbli fil-grad ta' 50%, għall-inċident in kwistjoni, fejn l-attur ġarrab diżabilita` permanenti; tillikwida d-danni dovuti lill-attur fis-somma ta' għoxrin elf, u erba' mitt ewro (€20,400), u tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' għoxrin elf u erba' mitt ewro (€20,400); b'dan illi l-imgħax jiddekorri fuq dan l-ammont millum, bħala d-data tal-likwidazzjoni tad-danni.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu in kwantu għal nofs ($^1/_2$) mill-attur appellant u nofs ($^1/_2$) mis-soċjeta` konvenuta appellata, salv li l-ispejjeż tal-appell inċidentali jitħallsu kollha mis-soċjeta` konvenuta appellanti inċidentalment.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm